MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2004

Avviz Numru. 141/2004

Avviz Nru 141/04DM

U.C.I.M. Co. Ltd.

Vs

Peter Paul Muscat u martu Valerie Muscat

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm3,053) rappresentanti import ta' sittax (16) il-kambjala, wahda ta' erbghin lira Maltin (Lm40), erbatax ta' mitejn lira Maltin (Lm200) il-wahda u wahda ta' mitejn u tlettax-il lira Maltin (Lm213), debitament accettati u skaduti minn Ottubru 2000 sa Jannar 2002 rispettivament u li ma gewx imhallsa,

annessi mall-avviz bhala dokumenti numri minn wiehed (1) sa sittax (16) konsekuttivament u inklusivament.

Bl-imghax legali mill-iskadenza ta' kull kambjala li sat-18 ta' Frar, 2004, jammontaw ghal seba' mija u hmistax-il lira Maltin (Lm715), oltre l-imghax ulterjuri sal-pagament effettiv u bl-ispejjes, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati pprezentaw nota fir-registru li permezz taghha ammettew it-talba attrici, u talbu zmien ta' sena sabiex jaghmlu l-pagament taghhom.

Ghaldaqstant, wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti mill-atturi ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant qeghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' tlett elef u tlieta u hamsin lira Maltin (Lm3,053) bl-imghaxijiet legali li sat-18 ta' Frar, 2004, jammontaw ghas-somma ta' seba' mija u hmistax-il lira Maltin (Lm715) u bl-imghaxijiet ulterjuri b'effett mid-19 ta' Frar, 2004 ;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------